



Brussell, 12 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5199/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0307(COD)

CODEC 33
MI 15
COMPET 27
EDUC 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-1 ta' Settembru 2023 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 46, 53(1) u 62 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023².
3. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 12574/23.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ 16644/23.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 66/23.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
